# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 14 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru: 103/16 CSH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Miriam Ciantar**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mill-Bank of Valletta p.l.c. fit-13 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' sitt elef, mija w sebgha w erbghin Ewro u sitta w tmenin centezmu (€6,147.86) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament, liema loan giet moghtija lill-konvenuta permezz ta' skrittura privata datata 27 ta' Settembru 2011 (Dok. "B");

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok. "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuta Miriam Ciantar (a) naqset milli thallas il-

pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmija skrittura, u (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuta iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju 2015 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat illi il-konvenuta kienet debitament notifikata skond riferti pozittivi tal-Marixxall Charles Buttigieg datati 30 ta' Settembru 2016 fejn thallhiet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta' H'Attard, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' H'Attard kif ukoll fl-indirizz tal-konvenuta kif moghti fir-rikors promotur mill-Bank attur.

Illi l-konvenuta giet notifikata b'din il-kawza ukoll permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern datat 25 ta' Ottubru 2016 (fol 29) u fil-gazetti lokali L-Orizzont datata 17 ta' Novembru 2016 (fol. 33) u The Malta Independent datat 18 ta' Novembru 2016 (fol. 34).

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2016 il-konvenuta giet imsejjha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-bank attur pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta dakinhar tas-7 ta' Dicembru 2016.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 il-konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha.

Ghaldaqstant ,il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-bank attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-bank attur tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-bank attur is-somma ta' sitt elef, mija w sebgha w erbghin Ewro u sitta w tmenin centezmu (€6,147.86) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, bl-imghax ulterjuri mill-10 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra Ufficjali datata 20 ta' Mejju 2015 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mal-kawza a karigu tal-konvenuta.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**